**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u erbatax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 27 ta' Settembru 2012 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Gaetano Cuschieri | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tat-tliet mija u tlettax-il laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

### *4.1 Kanuni*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit tal-Kurja għadu qed jinsisti li jara *survey sheets* tax-xelter. Il-Kappillan issuġerixxa li l-Kunsill jagħmel kuntatt ma' uffiċċjal fil-Kurju u qabel mas-suġġeriment tas-Segretarju Eżekuttiv li ssir spezzjoni mill-Perit tal-Kunsill fejn jivverifika li z-zuntir jiflaħ il-pis tal-kanuni u joħroġ ċertifikat f'dan ir-rigward.

*4.2 Premju Anzjan tas-Sena*

Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li l-koppja Pace reġa bdiela rigward in-nomina għall-Premju Anzjan tas-Sena.

*4.3 Ħsarat fid-Drenaġġ fi Triq San Tumas*

Il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma rigward ħsarat fis-sistema tad-drenaġġ tar-residenza 68, Triq San Tumas. Ġie deċiż li jintbgħat reminder.

Fis-6.00pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

*4.4 Depożitu ta' boroż ta' skart*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li *Green Wardens* ħarku żewġ persuni talli depożitaw skart fi Triq Ġuże' Pace. Sadanittant il-Kunsill ġie nfurmat li fil-Ħamrun inħarġu 528 f'Awwissu. Is-Sindku spjega li saret talba fil-laqgħa tar-Reġjun biex il-Kunsill jingħata l-informazzjoni mitluba rigward kontravenzzjonijiet u servizz ta' Gwardjani Lokali fl-lokalitajiet membri tar-Reġjun Ċentrali. Din it-talba ġiet approvata mir-Reġjun.

*4.5 Rifużjoni tal-Onorarja tas-Sindku*

Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali m'approvax li l-perjodu ta' żmien li ingħata għar-rifużjoni tal-Onorarja tas-Sindku tiġi estiża. Ir-rifużjoni trid issir kollha sa Diċembru 2013.

*4.6 Likwidu jintrema mill-iscamel*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-Ġbr ta' skart kien spjegalu li kien qed jiġbor volum kbir ta' skart mill-*Little Sisters of the Poor* minkejja li l-Kuntratt kien jistipula li dan m'għandux jinġabar. Hu spjega li kaġun ta' dan l-iskart l-*iscamel* kien qed iħalli ħafna likwidu meta jgħasar. Il-Kunsill innota li lmenti rigward likwidu jintrema mill-*iscamel* għadhom isiru minkejja li waqaf il-ġbir ta' skart mid-Dar ta' l-Anzjani. Ġie konfermat li jinħareġ *Default Notice*.

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li jissospendi l-Aġenda biex jiddiskutu l-punt 'Festival taċ-Ċikkulata'.

Is-Sur Andrew Farrugia u s-Sur Mario Camilleri ġew mistiedna jipparteċipaw fid-diskussjoni.

## 5. **Festival taċ-Ċikkulata**

Is-Sur Mario Camilleri ppreżenta lill-Kunsilliera b'kopja tar-rendikont tad-dħul u spejjeż relatati mal-Festival taċ-Ċikkulata ta' din is-sena. Huwa spjega wkoll fejn ser ikunu l-postijiet tal-vendituri.

Wara li saret sejħa għall-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' dawl daħlu żewġ kwotazzjonijiet waħda tal-kumpanija Audio System li kienet ta' €2,000.00 u oħra tal-kumpanija Nexos li kienet ta' €2,815.00. Il-Kunsill approva li jagħżel l-orħos kwotazzjoni tal-kumpanija Audio System.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Onor. Dr. Mario de Marco kien issuġġerixxa li l-*Press Conference* tal-Attivita' issir nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru 2012 fit-3.00pm. Is-Sindku għamel arranġamenti biex din issir fil-Fabrika tal-Benna.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar informazzjoni li ngħatat ħażina mill-Medialink dwar ir-raġuni għaliex ġiet posposta l-Festival taċ-Ċikkulata mit-22 ta' Settembru għat-13 ta' Ottubru 2012. Huwa spjega li meta rritorna mis-safar fil-5 ta' Settembru 2012, huwa ġie nfurmat mis-Sur Mario Camilleri li xi vendituri kienu preokkupati minħabba l-fatt li fit-22 ta' Settembru kienet ser issir attivita' oħra pubblika tal-massa u li mill-esperjenza tagħhom kien ser jonqos id-dhul tagħhom u għalhekk kienu qed jikkunsidraw jekk jipparteċipawx. Is-Sindku spjega li huwa ċempel personalment lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u qallu bil-problema. Wara li ġiet verifikata data li fiha ma kienx ser ikun hemm attivita' oħra pubblika tal-massa, s-Sindku spjega li ċempel lill-Kunsillieri kollha ħlief lis-Sur C. Valletta peress li kien imsiefer u spjega s-sitwazzjoni.

Huwa qal li l-ebda Kunsillier ma talbu biex ilaqqa' l-Kunsill jew ħareġ b'suġġeriment ieħor. Wara nkisbet l-approvazzjoni bil-miktub tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali f'dan ir-rigward.

Dr. P. Mifsud Bonnici spjegat li hija kienet tippretendi li kellha tkun deċiżjoni tal-Kunsill li tbiddel id-data ta' l-attivita'. Hija tenniet li persuna kienet avviċinatha u qaltilha li s-Sur Mario Camilleri kien irrabja għax il-Kunsill biddel id-data ta' l-attivita'.

Is-Sur C. Valletta spjega li l-argument li minħabba attivita' oħra pubblika kien ser jonqos il-parteċipazzjoni ma jagħmilx sens għaliex saret attivita' f'Ħal Qormi fl-istess ġurnata u kienet suċċess.

Wara li saret diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni li '' Jiena qed nipproponi li kif dejjem għamilna meta kellna problema, b'kordinazzjoni flimkien għamilna stqarrija pubblika f'isem il-Kunsill kollu, jekk ma ssirx stqarrija pubblika f'isem il-Kunsill, issir Konferenza Stampa biex nirribattu l-ineżattezzi tal-Medialink.

Is-Sinjura Carmen Borg issekondat.

Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'erba' (4) voti favur u tlett (3) voti kontra.

Fit-8.10pm s-Sur Cedric Valletta ġie skużat mill-laqgħa.

6. **Schedule of Payments**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sas-27 ta' Settembru 2012 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

7. **Aġġornament**

Fit-8.15pm il-laqgħa aġġornat għall-nhar il-Erbgħa 3 ta' Ottubru 2012 fil-5.30pm għall-kontinwazzjoni tal-laqgħa.

______________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
DATA